MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 95/2009

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Paul Xerri ta' 49 sena, iben Mikelangelo u Marija nee' Vella, imwieled Xaghra nhar il-11 ta' Frar 1962, residenti fil-fond numru 109, Triq Bullara, Xaghra u detentur tal-karta ta'l-identita' 11862(G)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Paul Xerri li permezz taghha huwa gie akkuzat talli gewwa r-Rabat (Ghawdex), f'dawn il-Gzejjer, gewwa Pjazza JF Kennedy il-14 ta' Novembru 2009, ghal habta ta'l-erbgha nieqes kwart ta' filghodu (0345hrs), minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Joseph Xerri (ID 16484G) f'periklu car

ikkagunalu ferita ta’ natura gravi billi tah daqqiet b’oggett iebes (flixkun) lil imsemmi Joseph Xerri f’idu.

Ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ikkaguna girehi ta’ natura gravi lil Joseph Xerri (ID 164484G) skond ma ccertifika Dr. Patrick Xiberras MD.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Jannar 2010 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tal-akkuzi jidher illi z-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat huma identici billi l-imputat jinsab akkuzat biss bir-reat tal-offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta’ Joseph Xerri.

Illi mill-provi li jinsabu fl-atti jirrizulta illi nqala’ incident bejn l-imputat u l-parti leza Joseph Xerri tant illi l-prosekuzzjoni inizjat proceduri kriminali fil-konfront tat-tnejn li huma. Illi l-Qorti madanakollu ma ghandha l-ebda prova dwar dak li sehh realment fl-incident billi hadd minn dawn it-tnejn minn nies ma jixhdu fil-proceduri. Illi l-vittma u cioe’ Joseph Xerri jiddikjara illi kien ser jaghzel li ma jixhidx u dana sabiex ma jinkriminax ruhu peress illi hemm proceduri pendenti fil-konfront tieghu in konnessjoni ma’ dana l-incident[1]. Illi lanqas ma jidher illi kien hemm xi xhieda okulari indipendenti li setghu jirrakontaw id-dinamika tal-incident. Illi ghalhekk l-uniku prova li hemm fl-atti hija r-rapport[2] li ittiehed *a tempo vergine* mill-ufficjali li kienu qed jinvestigaw l-incident u cioe’ lis-surgent 1326 u

[1] Ara verbali a fol. 30 u 33
[2] Ara Dokument A a fol.7 et. Seq.

s-surgent 676 u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[3]. Minn hawn johorgu zewg verzjonijiet konfliggenti ghaliex filwaqt illi l-imputat jikkontendi illi kien Joseph Xerri li aggredieh, minn naha l-ohra dana Joseph Xerri jipponta subajgh lejn l-imputat bhala l-persuna li hebb ghalih minghajr ebda raguni.

Illi fi kwalunkwe kaz mill-verbal tas-17 ta' Frar 2011[4] jidher illi Joseph Xerri, il-parti leza hafer lill-imputat ghall-akkadut billi minn dak li gie mistqarr fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, jidher illi dawn it-tnejn minn nies issorvolaw id-divergenzi li kien hemm bejniethom.

Rinfaccjata ghalhekk b'dawn il-provi, il-Qorti  tistqarr illi ma tistax tasal ghal sejbien ta' htija kontra l-imputat billi l-provi li jinsabu fl-atti ma jistghux iwasslu ghal kundanna tal-imputat lil hinn minn kull ombra ta' dubbju.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara stqarrija Dokument B a fol.11 et. Seq.
[4] Verbal a fol.30